# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru 113**

**Citaz. numru: 142/99 M1 NA**

**Maria Bailey**

**vs**

**Dr. Stephan Camilleri u P.L. Veronica Rossignaud li gew nominati kuraturi deputati b'digriet tat-22 ta' Settembru 1998, sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Paul Bailey**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-21 ta' Jannar 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' April 1993, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi miz-zwieg taghhom twieldu tlett (3) itfal li ghadhom minuri li l-att tat-twelid taghhom qed jigi hawn anness u mmarkat Dokumenti "B", "C" u "D";

Illi minhabba swat, theddid, eccessi w ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha, il-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irremedjabbilment;

Illi, kif jidher minn certifikat mediku hawn anness u mmarkat Dokument "E", l-attrici giet imsawwta mill-konvenut fit-13 ta' April 1997, u b'konsegwenza hi wegghet serjament;

Illi fl-14 ta' Mejju 1997, cioe' xahar wara l-incident imsemmi, il-konvenut harab minn Malta u, prezentement, qieghed ighix l-Ingilterra fl-indirizz numru 9, Dickinson Street, Warrington, liema proprjeta' tappartjeni lilu;

Illi l-konvenut ilu ma jhallas manteniment lill-attrici u lit-tlett itfal minuri taghhom sa mill-14 ta' Mejju 1997;

Illi l-konvenut halla warajh diversi djun li qieghdha thallashom l-attrici;

Illi hemm prospetti tajbin li, jekk eventwalment din il-Qorti joghgobha tordna lill-konvenut sabiex ihallas manteniment, dik l-ordni tkun tista' tigi ezegwita l-Ingilterra a tenur ta' l-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-attrici giet awtorizzata b'digriet numru 546/97 tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, hawn anness u mmarkat Dokument "F", tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali;

TALBET, ghalhekk, li dina l-Qorti:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali ta' l-attrici minn mal-konvenut minhabba swat, theddid, eccessi w ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha;

2. tafda l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri taghhom lill-attrici u dana fl-ahjar interess taghhom;

3. tiddikjara xjolta u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. tiddeciedi li l-konvenut ghandu jiddekadi mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. tordna lill-konvenut sabiex ihallas manteniment xieraq ghaliha u ghat-tlett itfal minuri fuq imsemmija;

6. konsegwentement, tordna li d-dokumenti mehtiega sabiex l-ordni ta' manteniment fuq imsemmija tkun tista' tigi ezegwita l-Ingilterra a tenur ta' l-Artikolu 4 Kapitolu 242 tal-Ligijiet ta' Malta jintbaghtu mill-Qorti lill-Ministru sabiex ikunu jistghu jintbaghtu mill-Ministru lill-Awtorita' responsabbli fl-Ingilterra fejn l-intimat qieghed jirrisjedi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Stefan Camilleri w il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-

konvenut assenti minn dawn il-Gzejjer u dana b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-22 ta' Settmbru 1998.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati tad-29 ta' Lulju 1999 fejn iddikjaraw illi ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri fil-meritu.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1999 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi. Hija zammet seduta fit-28 ta' Frar 2000 fejn ma deher hadd u ohra fil-5 ta' April 2000 fejn xehdu "hut" l-attrici (peress illi l-attrici kienet adottata u ma ngabux provi jekk din l-adozzjoni kenitx wahda legali jew biss *de facto*, ohtha Carmen Caruana tirreferi ghaliha bhala s-*step sister*) Graziella Sciberras u Carmen Caruana. L-attrici pprezentat ix-xhieda taghha stess u ta' ommha Tereza Galea permezz ta' Affidavits b'nota tal-5 ta' April 2000 u affidavit iehor ta' Tania Hermitage, li kienet taf lill-koppja sa minn qabel iz-zwieg b'nota ohra tal-4 ta' Lulju 2000. Finalment quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2000 xehed il-kuratur deputat Dottor Stefan Camilleri li esebixxa kopja ta' ittra li kien baghat lill-konvenut fit-2 ta' Awissu 1999 (fol. 60

tal-process) fl-indirizz li kienet tatu l-attrici u li, ghaliha, ma kienx ircieva risposta. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi diversi mill-provi prodotti mill-attrici bhal dik ta' ommha u ta' Tania Hermitage huma *detto del detto* u jirrakkontaw principalment fatti li ma kienux a konoxxenza proprju tax-xhud izda ta' dak li qaltilhom l-attrici wara li graw il-fatti. Dan nonostante hemm ix-xhieda bil-gurament ta' l-attrici li ma gietx kontradetta u taz-zewg "hutha" li kienu prezenti f'wiehed mill-incidenti li dwarhom tirrakkonta l-attrici. Minn din ix-xhieda mehuda mal-provi dokumentarji bhac-certifikat mediku w ir-ritratt esebit fil-process temergi karattru tal-konvenut bhala persuna vjolenti w aggressiv partikolarment meta kien ikun fis-sakra, kif jirrizulta illi kien ikun ta' spiss. Il-Qorti ma tistax tghid jekk finalment kenitx il-biza' tal-konvenut mill-Pulizija Ezekuttiva wara l-ahhar xebgha li ta lill-martu jew kenitx xi raguni ohra li finalment wasslet lill-konvenut biex jabbanduna lill-martu u lit-tfal u dana meta telaq minn Malta w irritorna lejn l-Ingilterra. Minn dak iz-zmien ftit li xejn saru kuntatti mal-

familja tieghu u ma vversa ebda tip ta' manteniment. Il-konvenut telaq lill-martu fl-14 ta' April 1997 minn liema zmien qatt ma ratu izjed u ilhom *de facto* separati u ghalhekk ghaddew aktar minn sentejn minn dan l-akkadut. A bazi ta' dawn il-fatti l-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici hija legalment intitolata titlob il-firda a tenur sew ta' l-Artikolu 40 sew ta' l-Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici ma gabet ebda prova dwar jekk il-konvenut huwiex validament okkupat u dwar l-introjtu rispettiv tieghu. Il-Qorti pero' jidhrilha illi bhala minimu l-konvenut ghandu jkun ikkundannat ihallas dak li kien jaghti lill-attrici matul iz-zwieg u cioe' tletin lira Maltin (Lm30) fil-gimgha, hmistax-il lira Maltin (Lm15) ghaliha u hmistax-il lira Maltin (Lm15) ghat-tfal minuri.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali ta' l-istess attrici minn mal-konvenut minhabba swat, theddid, eccessi w ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha;

2. tafda l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri lill-attrici u dana fl-ahjar interess taghhom u tirrizerva li tipprovdi dwar

access favur il-konvenut f'kaz illi ssir talba f'dan ir-rigward;

3. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Ma jidhirx illi hemm x'jigi diviz u ghalhekk tastieni milli tipprovdi dwar dan;

4. tiddeciedi li l-konvenut iddekada mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. tordna lill-konvenut sabiex ihallas manteniment lill-attrici kif fuq imfisser u cioe' fl-ammont totali ta' tletin lira Maltin (Lm30) fil-gimgha;

6. fir-rigward tas-sitt talba l-Qorti ezaminat akkuratament l-Att Dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-Artikolu 4 ta' l-istess Kapitolu u hija tal-fehma li dan l-Artikolu partikolarment is-sub-artikoli (3) u (4) tieghu jesigu illi ssir talba specifika *ad hoc* wara l-ghotja ta' din is-sentenza fejn ukoll ghandha tingieb il-

prova u jigu esebiti d-dokumenti kif rikjest fl-istess Artikolu 4.

L-ispejjes kollha tal-kawza huma a karigu ta' l-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.